# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Novembru 2000.**

**Numru 38**

**Citaz. numru 1391/93 DS**

Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Computer Solutions Limited; u b'nota tal-25 ta' Ottubru 1994 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tas-socjeta` attrici minflok Noel Ellul; u b'nota tas-7 ta' April 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Computer Solutions Limited assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.

vs

Gino Tabone u Walter Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Graja & Caorsi (Malta) Ltd., agenti Malta tas-socjeta` Ziegler Nederland B.M., trasportaturi tal-merkanzija de qua, u b'nota tat-13 ta' Jannar 1994 John Zammit assuma l-atti tal-kawza fl-interess tas-socjeta` konvenuta minflok Gino Tabone u Walter Bonnici, u b'digriet tat-8 ta' Jannar 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem is-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. bhala l-mandatarja tas-

socjeta` estera msemmija, u b'digriet tas-6 ta' April 1999 gew nominati l-Avukat Dottor Ludvic Caruana u l-Prokuratur Legali Paul Saliba kuraturi deputati biex jirrapprezentaw is-socjeta` estera Ziegler Nederland B.M. fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti;
u
Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 2 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Ottubru 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' Computer Solutions Limited importat erbgha u erbghin (44) carton ta' materjal tal-computers li gew trasportati minn Rotterdam lejn Malta mis-socjeta' estera Ziegler Nederland B.M. fuq il-vapur KAIRD (Dok. 1).

Illi l-bastiment wasal Malta fit-18 ta' Ottubru 1992 u meta l-importatur mar jirtira l-merkanzija, hames cartons instabu mcarrtin, miftuha, danneggjata u bil-kontenut nieqes, kif jirrizulta mis-Schedule tal-Information Form preparat mis-surveyor tal-Institute of London Underwriters anness u markat Dok. 2, kif ukoll mill-Gate Pass Out Numru 100902 anness u markat Dok. 3;

Illi ghan-nuqqas kollu li garrab l-importatur, is-socjeta' assikurattrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' elf mitejn u disa' liri ghoxrin centezmu (Lm1209.20,0) li minnhom mitt lira (Lm100) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok 4 u 5 );

Illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit jew min minnhom;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi li:

1. tiddikjarohom nomine responsabbli jew min minnhom ghan-nuqqas fuq indikat; u

2. tiddikjarohom nomine jew min minnhom li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta’ elf mitejn disa’ liri u ghoxrin centezmu (Lm1209.20,0) inkluzi mitt lira (Lm100) survey fees in linea ta’ danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-interessi legali mid-data tal-prerzentata ta’ din ic-citazzjoni u fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ John Zammit nomine fejn qal:

1. Illi qabel xejn trid issir il-prova tat-telf u konsegwentement dannu.

2. Illi sussidjarjament tapplika favur il-kontenut il-Per Package Limitation Clause skond il-Brussels Convention 1924, u ghalhekk anke fil-kaz illi l-konvenut huwa responsabbli ghan-nuqqas reklamat hu mhux obbligat ihallas l-ammont mitlub fic-citazzjoni izda ammont inferjuri.

Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija “de quo” giet sbarkata bin-nuqqas minn gol-container Nru. ICSU 449439/4 kif jirrizulta mill-joint tally sheet nru. 66883 (Dok ED1) u mic-certifikat ta’ “Packages Landed Totally Empty” iffirmat mill-Officer in Charge, Pinto Annex, tal-Cargo Handling Co. Ltd., u kontra-essenjat minn Custom Officer (Dok. ED2) liema dokumenti qed jigu annessi.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, il-konvenut nomine jissolleva li ma kienx fi kwelunkwe kaz risponsabbli ghal kwelunkwe nuqqas allegat, u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86, Dwar il-Portijiet ta’ l-1966.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall premess, is-survey fees allegati ma jistghux jigu riklamati stante li m’humiex danni tal-assigurat u l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta dwar kawza ta’ danni (Sentenza ta’ L-Appell – Sede Kummercjali deciza fis-sitta t’April, 1992 Citaz. Nru 112/86).

Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta Graja & Caorsi (Malta) Ltd fejn qalet:

Illi mill-15 ta’ Settembru 1995 is-socjeta’ Graja & Caorsi (Malta) Ltd. ma ghadiex agenti jew rappresentanti tas-socjeta’ estera Ziegler Nederland B.M., u l-agenti presenti hija s-socjeta’ Valletta Freight Services Limited. Ghalhekk filwaqt li l-azzjoni tibqa’ salva fil-konfront tas-socjeta’ estera, tramite l-eventwali legittimazzjoni ta’ l-atti, hemm lok li s-socjeta Graja and Caorsi (Malta) Limited tigi mahruga mill-atti tal-kawza.

Rat id-digriet tat-8 ta’ Jannar 1997 li permezz tieghu, stante li l-mandatarju tas-socjeta` estera Ziegler Nederland B.M. inbidel minn Graja & Caorsi (Malta) Ltd. ghas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd, giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju f’isem is-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. f’dik il-kwalita`;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. fejn qalet:

1. Illi l-vertenza odjerna ma tirrigwardahiex ghax hi la kellha u lanqas ghandha ir-rappresentanza u l-agenzija tas-socjeta’ estera Ziegler Nederland B.M. fil-perijodu tal-event dannuz allegat fic-citazzjoni, ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza bl-ispejjez kontra l-attur noe.

2. Illi subordinament u bla pregudizzju, is-socjeta’ eccipjenti mhix edotta mill-fatti tal-kaz ghax ma kellha x’taqsam xejn fihom u ghalhekk tirrizerva li taghti eccezzjonijiet fil-mertu kif u meta jigu a konoxxenza taghha fatti dwar il-kaz.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-22 ta’ Frar 1999 li permezz taghha giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. li konsegwentement giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-digriet tas-6 ta’ April 1999 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Dottor Ludvic Caruana u l-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Ziegler Nederland B.M.;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom fejn qalu:

Illi f'dan l-istadju il-konvenuti mhumiex edotti mill-fatti u ghaldaqstant qeghdin jirriservaw id-dritt li jaghtu eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-mertu tal-kawza jirrigwarda konsenja ta' 44 *cartons computer material* li waslet Malta fit-18 ta' Ottubru 1992 abbord il-vapur Kairo u li minn tali konsenja kien hemm xi nuqqasijiet konsistenti f'hames bicciet ta' *computer equipment*. Li l-Qorti trid tistabilixxi hija r-responsabbilta` ghal tali nuqqasijiet, u cioe` hijiex tat-trasportaturi jew inkella tas-socjeta` Cargo Handling.

Meta merkanzija tasal Malta din tigi zbarkata mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. Huwa importanti ghalhekk li tigi determinata l-kondizzjoni tal-merkanzija fil-mument li tinhatt. Ghalhekk huwa rilevanti hafna t-*tally sheet* li normalment jimtela minn rapprezentant ta' dik is-socjeta` u rapprezentant tal-vapur.

Mit-*tally sheet* esebit mis-socjeta` konvenuta Cargo Handling (a fol. 22 u wkoll a fol. 60) jirrizulta li ghalkemm tnizzlu minn fuq il-vapur 44 *cartons*, kien hemm "1 ctn taped, 2 ctns empty, 2 dgd partly show". Minn dokument iehor maghruf bhala l-*gate pass-out* li huwa d-dokument mahrug mis-socjeta` konvenuta Cargo Handling fil-mument tar-rilaxx tal-merkanzija lill-importatur, jirrizultaw l-istess kummenti salv li f'dan id-dokument b'riferenza ghal zewg *cartons* danneggjati hemm ukoll indikat li dawn gew *retaped* wara ezami mid-Dwana. Issir ukoll riferenza ghad-dokument esibit mill-istess socjeta` konvenuta Cargo Handling (a fol. 23) intestat "PACKAGES LANDED TOTALLY EMPTY" li jikkontjeni certifikazzjoni mid-Dwana li zewg *cartons* waslu vojta. Dawn il-provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u ghalhekk m'hemmx dubju li ghal dak li jirrigwarda l-hames *cartons* in kwistjoni s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. ma tistax tinzamm responsabbli.

Hawn jigi notat li Albert Tedesco, *shipping manager* ma' Demajo Group of Companies li, kif spjega hu, s-socjeta` Computer Solutions Ltd. hija wahda mill-kumpaniji li taqa' taht dan il-grupp, esebixxa ittra minghand

it-trasportaturi Ziegler Nederland datata 22 ta' Ottubru 1992 li bazikament hija ammissjoni ta' responsabbilta` da parti taghhom. Fil-fatt ighidu li rcevew minghand l-esportaturi zewg *cartons* vojta u minflok waqfu t-trasport biex jinfurmaw lill-esportaturi dwar dan, insew (!) jaghmlu hekk u komplew bit-trasport.

Ghalhekk fil-fehma konsiderata tal-Qorti, fid-dawl ta' dawn il-provi u minn ezami tad-dokumenti kollha esebiti, ghan-nuqqasijiet riportati ghandhom jirrispondu t-trasportaturi li ma qdewx l-inkarigu taghhom b'serjeta` u bid-diligenza rikjesta minnhom. Huwa ovvju li jekk verament indunaw li kienu rcevew zewg *cartons* vojta kellhom id-dmir biex minnufih jinfurmaw lill-esportaturi u mhux jipprocedu bil-konsenja.

Mis-*'small claim' information form* (Dok. 2 a fol. 7) jirrizulta li n-nuqqasijiet kienu jikkonsistu f'hames artikoli tal-valur komplessiv ta' US$2785. Mis-*subrogation form* jirrizulta li s-socjeta` assikuratrici halset Lm1109.20 lill-importatur. Inoltre s-socjeta` attrici qed tippretendi Lm100 li fic-citazzjoni tiddeskrivi bhala *survey fees* u li fil-fatt huma *agency fee* peress li jirrizulta mill-istess Dok. 2 li ma sarx *survey* ghax, kif hemm indikat fl-istess dokument, *"Satisfied – made in good faith"*. Din is-somma hija xorta wahda dovuta peress li tirrapprezenta il-valur tax-xoghol amministrattiv li kellu jsir ghall-ipprocessar tal-*claim*, u huwa xoghol li sar fl-interess ta' l-importatur u a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni.

Il-mandatarju originali tat-trasportaturi kien eccepixxa li anke jekk t-trasportaturi huma responsabbli, tapplika l-*per package limitation clause* skond il-Brussels Convention 1924. La tresqet u la tirrizulta l-ebda prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni u ghalhekk ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. u tiddikjara li ma hijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet riskontrati u ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, izda tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tat-trasportaturi Ziegler Nederland kif issa rapprezentanti mill-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Ludvic Caruana u l-Prokuratur Legali Paul Saliba, u

1. tiddikjarahom nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq imsemmija, u
2. tikkundannahom nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma mitluba ta' Lm1209.20 bl-imghax kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti kuraturi deputati nomine, salv dawk tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. li jithallsu mill-attur nomine.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**